# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Hubert Gerada)

Vs

Tracey Borg

Illum 28 ta' Marzu 2023

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet li Tracey Borg bint Janette Ciappara Borg u missier Joseph Borg imwielda Pieta' nhar it-18 ta Awwissu 1974 u residenti 4 Blue Coral Mansions New Street J Quintinus Qawra ID 417574(M):

1. F'Ta' Xbiex u/jew bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer nhar 20 ta' Dicembru 2016 ghall-habta tal-23:05 hrs f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjajt

jew ghamilt thajjar ghal skop ta' prostituzzjon jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli sirt recidiva ai termini ta'l-artikolu 49 tal-Kodici Kriminali b'diversi sentenzi moghtija lilek mill-Qorti Kriminali (Malta) u li saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula mahrug mill-Magistrat I Farrugia LL.D datat nhar 24/11/2014;

Rat l-artikoli 7(2) tal-Kap 63 u Artikolu 49 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikoli 21 u 23 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ammisjoni tal-Imputat tal-21 ta' Ottubru 2019 li inghatat wara li l-imputata inghatat zmien ghar-ripensament u wara li l-imputata reghet ikkonsultat ma' l-avukat taghha u wara li hi tenniet l-ammissjoni taghha.

Rat x-xhieda kollha.

Rat l-atti u d-dokumentazzjoni kollha.

Rat li inharaeg ordni ta' Probation fil-konfront tal-imputat ghall-terminu ta' tlett snin.

Rat li L-Probation Officer Svetlana Bezzina iddenunzjat lill-imputat ai termini tal-Artikolu 21 tal-Kap 446 fit-13 ta' Ottubru 2019.

**Ikkunsidrat**

**Svetlana Bezzina** Probation Officer mad -Department on Probation u Parole xehdet hekk fit-28 ta' Frar 2022

Xhud: Jiena bdejt insegwi lil Tracey Borg minn Frar tal-2021 wara li kien hemm bdil fl-ufficcjal tal-

Probation assenjat lilha fil-bidu li kont bdejt insegwiha hija kienet tinsab il-habs u kienet sostniet mieghi illi xtaqet taghmel programm residenzjali kontra l-vizzju tad-droga u kienet infatti bdiet l-istess programm f`Marzu tas-sena ta din sena skuzi tas-sena l-ohra minn naha taghha hija kienet bdiet il-programm pero kienet telqet wara ftit u kienet spjegat illi ma kienetx sabitha tajjeb bil-fatt illi ma tafx x`inhu ghaddej b`uliedha il-kbar u konna tkellimna illi minkejja li kienet telqet il-programm kien importanti hafna li zzomm il-kuntatt mas-sedqa u anka tattendi ghal-appunatmenti kollha illi naghddilha jiena madankollu hija kienet telqet mil-programm f`Gunju tas-sena l-ohra minn dak iz-zmien nista nghid li sa Dicembru sa meta saret id-denunzja ftit li xejn kien hemm kuntatt igifieri kien verament speradiku ghal-ahhar, rega beda kuntatt tista tghid mil-gimgha l-ohra fejn hi attendiet ghal-appuntament ghandi u f`dan l-istadju hija qeghda tghid illi tixtieq illi zzomm il-kuntatt ovvjament dana jiddependi hafna minnha kemm xoghol jista jsir maghha.

Qorti: Mhux ovvja uu inutli trid toqghod tibaghtilha l-affarijiet u ma tigix jew tigi u ma tkunx tista taghmillha l-iskampjun u insomma is-soltu stejjer.

Fit- 3 ta` Mejju 2022 kompliet tixhed hekk.

Qorti: Mela x`tista tghidilna fuq is-sinjura?

Xhud: Mela sinjura fis-seduta tat-28 ta` Frar 2022 Jiena ghaddejt lil Tracy sitt appuntamenti ghaddejt lil Tracy Borg sett Ta appuntamenti ghal-ewwel appuntament jekk kellha jidher li tfaccat fl-ufficcju pero wara ftit minuti hija telqet u kien hemm umbaghad qaltli li kienet maghggla umbaghad f`korrispondenza li baghtet fl-24 ta` Marzu meta attendiet dak in-nhar kienet ipprovdiet kampjun tal-urina u irrizulta fail-possittiv tal-eroina fit-3 ta` Marzu m`attendietx u baghtet tinfurmani li kienet Ma tiflahx naqset ukoll milli tattendi appuntament tat-12 ta` April attendiet umbaghad appuntament tal-20 ta` April u dak in-nhar kienet tat kampjun tal-urina ukoll li irrizulta fil-possittiv ghal-eroina u m`attendietx l-appuntament tal-28 ta` April infurmatni li kienet Ma tiflahx.

Id-deposizzjoni giet sospiza.

Fit-13 ta` Gunju 2022 xehdet hekk:

Iva nahlef, sinjura jiena xehedt l-ahhar fl-4 ta` Mejju.

Qorti: Ghandek x`izzid ma dak li?

Xhud: Iva li nista nghid huwa illi dak in-nhar stess ta l-ahhar seduta Tracey Borg kienet sfat vittma ta rejat vjolenti infatti qalet numru ta daqqiet ta sikkina,

Qorti: X`gara?

Xhud: Qalet numru ta` daqqiet ta` sikkina infatti nista nghid illi mill-ahhar seduta l`hawnekk hafna miz-zmien kienet l-isptar f`dak iz-zmienijiet hija

zammet kuntatt mieghi bit-telefon u reget ukoll stabbilixxiet kuntatt mas-social worker minn naha tas-Sedqa attendiet darba biss minhabba in-nuqqas ma kienx hemm daqsekk cans fil-komunita ghaliha attendiet fit-8 ta` Gunju u dak in-nhar tat kampjun tal-urina li rrizulta fil-posittiv ghal-morfina … … pero f`dan l-istadju hija ikkontestat u insisstiet mhux qeghda tuza sustanzi illeciti intbaghat il-laboratorju u ghadni m`ghandix rizultat f`idi jista jkun illi verament il-medicina li qeghda tiehu interferixxiet mar-rizultat anka minhabba lista ta medicina li qed tiehu wahda minnhom tinkludi il-Codein li nafu li tinterferixxi.

D-deposizzjoni regghet giet sospiza sospiza nerghu.

Ix-xhud xehedet fid-29 ta’ Novembru, 2022 li l-imputat ma kienet attendiet l-ebda appuntament mis-seduta precedenti

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi l-imputata kellha is-segwenti kundizzjonijiet elenkati fl-Ordni ta’ Probation :

1. Li matul il-perijodu ta’ probation il-hatja ghandh a ggib ruhhha tajjeb , toqghod ghad-direttivi kollha tal-Probation Officer u zzom dak il-kuntatt mehtieg u mitlub mill-Ufficjal tal-Probation mahtur lilha
2. L-Ufficjal tal-Probation mahtur ghal dan l-iskop ghadha tifrrapporta bil-miktub lil din il-Qorti bil-progress tal-hatja kull sena
3. Il-hatja ghandha tavza immedjatament lill-ufficjal tal-probation b’kull bdil li talvolta taghmel fl-indirizz residenzjali taghha
4. Li ghandha zzomm ruha f’kuntatt ma’ l-ufficjal tal-Probation u partikolarment li hija ghandha jekk l-ufficjal tal-Probation ikun hekk trid tircievi zjarat ta’ l-istress Ufficjal tal-Probation

5. Li zzomm kuntat mas-Sedqa kull hmistax (15).

Mix-xhieda ta` Svetlana hu palezement car li l-imputat ma zammitx mal-kondizzjonijiet tal-Ordni tal-Probation.

A tenur tal-Artikolu 23(1)(a) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijeit ta' Malta issib l-imputat hatja ta-Ksur tal-Ordni tal-Probation tal-21 ta' Ottubru 2019 mahruga minn din l-istess Qorti u qed titratta maghha ghall-imputazzjonijiet li dwarhom kienet tpoggiet, wara l-ammissjoni taghha stess,  taht tali ordni daqs li kieku ghadha kemm giet dikjarata hatja minn din l-Qorti ghal dawk l-Imputazzjoninjiet u tikkonferma l-htija fir-rigward tal-imsemmija imputazzjonijejt u tirrevoka l-Ordni ta' probation.

Ghaldaqstant,il-Qorti qed issib l-imputata hatja tal-imputazzjonjiet kollha fil-konfront taghha u tikkundannha piena kumplessiva ta' seba' (7) xhur prigunerija effettiva.

**Magistrat Dr Yana Micallef Stafrace LL.D.**

**Doris Serpina Sciberras**

**Deputat Registratur**